MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 209/2000/1

**Maria Fortunata mart Teddy sive Jude Taddeo Refalo**
**u l-istess Teddy sive Jude Taddeo Refalo**

**vs**

**Helen Attard u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2008 fil-kawża numru 181/2000 fl-ismijiet 'Teddy sive Jude Thaddeus Refalo et vs**
**Helen Attard', il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem l-eredi preżuntivi tal-konvenuta, wliedha li hemm preżenti f'dawn il-gżejjer; Michelino sive Lino Attard, Carmen mart Joseph Buttigieg, Yvonne mart Julian sive Gino Attard, Jane mart Emanuel Buttigieg, bla preġudizzju għad-dritt ta' min jirriżulta li jkun l-eredi attwali tagħha li**
**jassumi l-atti fi stadju ulterjuri.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li jippremettew :

Illi l-atturi jippossjedu flimkien mal-konvenuta l-fond numru 45, Triq Dun Ġużepp Diacono u numru wieħed (1) fi Triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex fejn għal xi żmien kien qed jiġi ġestit negozju tal-kaċċa u nsib, skond ma jirriżulta mid-dokument 'A' hawn annessa.

Illi minn dan in-negozju kienu jinbiegħu oġġetti bħal ngħidu aħna xkubetti, snieter, munizzjon u ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kaċċa, nsib u sajd.

Illi għall-diversi raġunijiet inkluż ċertu nuqqas ta' qbil li dan l-aħħar kien hemm bejn il-kontendenti, in-negozju kien qed jonqos u jiġi 'run down', iżda l-atturi kien għad baqgħalhom il-pussess tal-imsemmi fond u kienu għandhom jagħmlu użu minnhu.

Illi reċentament u preċiżament fis-6 ta' Diċembru 2000, l-atturi skoprew li kien ġie kommess fil-konfront tagħhom, spoll vjolenti u klandestin, billi meta marru biex jiftħu il-bieb tal-imsemmi fond, skoprew li dan kien ġie imbarrat b'xi mod, li ma setgħax jinfetaħ biċ-ċavetta attwali li kienet iċ-ċavetta tal-bieb tal-istess fond.

Illi għalhekk issa l-aċċess tal-atturi għall-fond in kwistjoni ġie issa nnegat lillhom u għalhekk il-konvenuta hija ħatja fil-konfront tal-atturi ta' spoll vjolenti u klandestin.
Talbu lill-konventa tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li hija, l-istess konvenuta kkommettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi meta mbarrat jew biddlet is-serratura jew b'kull mod ieħor imbarrat l-aċċess tiegħu għal fond numru 45, triq dun Ġusepp Diacono, u numru wieħed (1), triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex;

2. Konsegwentement tordna lill-konvenuta tirreintegra l-ispoll minnha konness u tpoġġi lill-atturi fi stat pristunu fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss;

3. Fin-nuqqas jiġu l-istess atturi jirreintegraw l-ispoll konness okkorrendo b'opera ta' periti nominandi a spejjes tal-attriċi.

Bli spejjes inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Diċembru 2000 kollha kontra l-konvenuta li jibqgħu minn issa mħarrka għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament mill-attur.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet:

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi;

2. Illi ma jikkonkorrux l-elemeti sabiex jiġġustifikaw l-azzjoni ta' spoll;

3. Illi l-pussess kien u dejjem baqa f'idejn l-esponenti. L-istess fond jifforma parti integrali mir-residenza tal-konvenuta u fl-istess fond għandha l-meters ta' l-ilma u l-elettriku;

4. Illi l-atturi kien ilhom mit-tnejn (2) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000) li abbandunaw kull eżerċizzju tan-negozju minnu tant li anki neħħew l-vetrini ta' l-istess negozju u la operaw xi attivita' kummerċjali minnu u l-inqas daħlu fih. Dan wara li ddikjaraw li ma kienux ser jissoktaw bl-arranġament li kellhom mal-konvenuta.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intżza sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

*L-art.572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs.Fischt,Volum XIII, P.1,pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art.794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili ,li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943,in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar";Vol.XXI.II.83 P'Awla Ċivili,20 ta' April 1916,in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917;Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899,in re Decarcano vs.Cafici,Foro Catanese Vol.1889,pagna 124;u dan biex ingħataw xi sentenzi);….."*.[1]

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit:Prim'Awla:12.4.1958 vol.XLII..II.975

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta’ kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f’dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

“*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa’ mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*.”[2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

“*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e’ una misura di ordine pubblico, e’ un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L’articolo 695 del Cocice Civile applica,in tutto il suo rigore, la regola* ***“spoliatus ante omnia restituendus****”. Il perche’ l’azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche’ pero’ abbia il carattere esteriore dell’esercizio di un preteso diritto.”*[3]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista’ tilqa’ t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw għax il-konvenuta allegatament imbarratilhom il-bieb (*shutter*) ta’ barra tal-ħanut indikat fiċ-ċitazzjoni, b’tali mod li ma ma setgħux jiftħuh biċ-ċavetta li kellhom tal-istess bieb u b’hekk impeditilhom l-aċċess li kellhom għal dan il-ħanut. Il-konvenuta, apparti li ċaħdet din l-allegazzjoni,

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia;Appell Civ.7.3.1958 – vol.XLII.I.86
[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol.I. 5ta.ed.1902 Torino,para.271

tissottometti li ma jikkonkorux l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din.

L-ikbar ostakolu li qed jiffaċċjaw l-atturi f'din il-kawża jirrigwarda l-**element taż-żmien** li fih setgħet ġiet istitwita din il-kawża. Huma qed jgħidu li skoprew b'dan l-allegat spoll meta marru biex jiftħu l-ħanut fis-6 ta' Diċembru 2000, imma ma kienux f'posizzjoni jgħidu meta attwalment seħħ l-imbarrar tax-*shutter* imsemmi. Hemm qbil bejn il-kontendenti li wara li nqalgħu xi kwistjonijiet bejniethom, l-atturi kienu żarmaw il-parti l-kbira tal-ħanut, u anke neħħew l-armaturi u l-vetrini li kien hemm, u ma reġgħewx daħlu fih wara t-2 ta' Awwissu ta' dik is-sena. Għalkemm din il-kawża ġiet istitwta ġimgħa biss wara saru jafu li l-bieb kien inbarrat, madankollu ma jistax jingħad li saret fiż-żmien stipulat mil-liġi, għax din ma tirrikjedix li l-kawża issir fi żmien xahrejn minn meta min ikun ġie spoljat sar jaf bil-fatt, imma li tkun saret fi "ż**mien xahrejn mill-ispoll**". [4]

Kif jammettu l-atturi stess fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom: "*Huwa minnu li jekk l-atturi ma jipprovawx li huma ntentaw l-azzjoni fi żmien xaghrejn minn meta jkun ġie kommess l-ispoll l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mir-rekwiżiti li trid il-liġi, u dana mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jikkonkorrux anke r-rekwiżiti l-oħra. It-terminu jibda jiddekorri minn mindu l-attur ikun attwalment u fiżikament ġie spoljat mill-pussess tiegħu u mhux 'a die scientiae'. Dan għaliex il-pussess jeħtieġ li jkun kontinwu u apparenti u l-att turbattiv tal-pussess irid ikun magħmul 'vi aut clam.' Il-ħabi jista' allura jkun wieħed mill-elementi tal-actio spolii u l-liġi ma tagħti l-ebda konċessoni għal din iċ-ċirkostanza meta tiġi biex tiddetermina ż-żmien ta' xahrejn li fih kellha tiġi eżerċitata l-azzjoni*."[5] Inutili għalihom li jilmentaw li l-ġurispudenza tagħna ma ssegwix dik kontintenati li tammetti li t-terminu għal kawża jibda jgħodd minn meta l-attur sar jaf bil-fatt, ġialadarba il-liġi kontinentali hija differenti minn tagħna f'dan ir-rigward, għax kif ġie mfisser b'mod inekwivoku mill-qrati tagħna:

---

[4] Art.535(1) tal-Kap.16
[5] Ara Nota tal-atturi a fol.244 tal-process

"…*l-azzjoni trid tiġi eserċitata fi żmien xahrejn. Dan għaliex meta l-pussess ma jkunx kostanti u reali, hu faċli biex meta jsir att spoljattiv l-attur jilmenta li ma kienx jaf bih ħlief ftit ġimgħat qabel ġiet intavolata l-kawża. Dan skond diversi sentenzi ma hux biżżejjed għaliex il-kliem tal-liġi u ċioe' l-Artikolu 535(1) tal-Kap.16 hu ċar, u ċioe' li l-azzjoni trid tiġi ntavolata mhux iktar minn xahrejn qabel sar l-ispoll u eżattament fi żmien xahrejn mill-ispoll. Infatti fil-kawża deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Michael Mamo vs Philip Grima', fis-7 ta' Frar 1958, ġie ritenut illi: 'Iż-żmien tal-azzjoni jibda mill-ġurnata tal-ispoll u mhux minn meta l-attur sar jaf bih, u kwindi l-azzjoni tkun perenta jekk tiġi eserċitata wara xahrejn minn meta jkun sar l-ispoll, avolja l-attur ma jkunx jaf bih fil-waqt*'."[6]

Ġialadarba għalhekk l-atturi ma kienux f'posizzjoni jagħtu d-data preċiża tal-allegat spoll, jew għall-inqas jippruvaw li dan kien twettaq mhux iktar minn xahrejn qabel ma ġiet istitwita l-kawża, l-azzjoni tagħhom ma tistax tirnexxi.

Għal dawn il-motivi, u peress li jonqos tal-inqas wieħed mill-elementi meħtieġa mil-liġi f'kawża ta' spoll, u ċioe' dak taż-żmien, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] Prim'Awla: Kevin Azzopardi et vs Lawrence Mifsud: 28.04.2004